



Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2025 – Société des produits Nestlé vs EUIPO – European Food (FITNESS)

(Kawża T-509/25)

(C/2025/4903)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Lambrecht, C. Elkemann, J. Thomsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: European Food SA (Păntășești, ir-Rumanija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “FITNESS” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 2 470 326

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2025 fil-Każ R 894/2020-5

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil European Food SA għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ekwivalenti għad-dispożizzjoni applikabbli fiż-żmien tal-fatti);
- ksur tal-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ekwivalenti għad-dispożizzjoni applikabbli fiż-żmien tal-fatti) u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 95(1) ta' dan ir-regolament.